**18 ta' Settembru, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Attard

**Xhieda Ġodda fl-Appell – Kampjun tad-Demm**

*Quddiem il-Qorti Superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda ħlief jekk jiġi ppruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri*

*x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom jew ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-Qorti Inferjuri.*

*L-appellant ma jistax jofri li jagħti x-xiehda tiegħu fl-appell wara li qabeż l-ewwel stadju li kellu quddiem l-ewwel Qorti; u l-offerta li jittieħed minn fuqu kampjun tad-demm tiegħu għal analiżi hija parti mix-xiehda teigħu, u fit-termini ta' l-art. 634 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ma tistax tippermettiha fl-istadju ta' l-appell.*

Il-Qorti: –

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 1989 l-appellant ta l-kunsens tiegħu ħalli jittieħdu *samples* tad-demm tiegħu biex jiġi eżaminat u jiġi stabillit il-grupp tad-demm tiegħu, liema prova fl-ewwel istanza l-anqas kien possibbli għall-prosekuzzjoni li tagħmilha peress li l-kunsens mogħti llum kien meħtieġ skond il-liġi, u din il-prova saret issa neċessarja għall-finijiet tal-ġustizzja ħalli jkun jista' jsir apprezzament tar-relazzjonijiet ta' l-esperti li huma wkoll ma kellhomx l-opportunità li jistgħu jaslu x'inhu d-demm ta' l-imputat kif jirriżulta minn fol. 279 u 280 tal-proċess. Innotat li għall-Avukat Ġenerali kienet instabet oġġezzjoni għat-talba ta' l-appellant in vista tal-fatt li l-istess talba setgħet saret quddiem l-ewwel Qorti speċjalment konisderando li din il-prova riedet issir bil-kunsens ta' l-istess appellant. Allura għalhekk kienet tiddependi esklusivament mill-volontà tiegħu, u li f'kull każ jekk din it-talba tiġi milqugħa filwaqt li l-imputat ikun jista' jġib il-prova tiegħu dwar il-grupp tad-demm tiegħu, il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' ġġib il-provi tagħha dwar il-grupp tad-demm tal-persuni l-oħra involuti fil-każ, u partikolarment ta' wieħed mill-aħwa li kien ukoll ġie ferut u li għalhekk jispjega l-fatt kif ipotetikament seta' kien hemm grupp ta' demm differenti. U l-kawża kienet ġiet differita għal-lum għal provvediment fir-rigward ta' din l-offerta ta' l-appellant;

Il-Qorti tosserva illi f'dan ir-rigward japplikaw żewġ artikoli *tal-liġi partikolari u għalhekk huwa importanti li jinżammu* mill-ewwel quddiem il-Qorti biex tara kif għandha tiggwida ruħha. L-ewwelnett l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi li quddiem il-Qorti Superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief jekk jiġi ppruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-Qorti Inferjuri. Meta l-Qorti tanalizza dan il-kliem ta' dan l-artikolu jirriżulta *ċar illi hemm kondizzjonijiet ibsin ħafna biex il-Qorti tippermetti* xhieda ġodda fl-istadju ta' l-appell. Apparti l-kwistjoni tal-prova bil-ġurament jew b'mezzi oħra, irid jirriżulta l-ewwel jew li l-appellant ma kienx jaf bihom, li ċertament ma jidhirx li huwa l-każ il-għaliex id-demm huwa tiegħu stess u jekk kellux jagħmel prova bih jew le kienet kwistjoni ta' apprezzament li kellu jagħmel huwa u jara huwa; jew li l-appellant ma setax bil-mezzi li tagħtih il-liġi jġibhom quddiem il-Qorti Inferjuri. Issa biex inkunu *żammejna l-perspettiva ċara quddiem il-Qorti, il-Qorti tiddikjara* illi l-akkużat f'akkuża kriminali m'għandu ebda obbligu li jikkopera mal-prosekuzzjoni biex tasal tipprova l-każ tagħha kontrih. L-obbligu tiegħu hu li jiddefendi ruħu mill-aħjar li jista' kontra dik l-akkuża. Sakemm ma jkunx jidher li hemm xi perikolu serju li l-prosekuzzjoni tasal biex tipprova l-każ tagħha, huwa jista' joqgħod kompletament gallarija, jaraha titħabat u jħalliha titħabat. Huwa f'din l-aħħar konsiderazzjoni illi l-akkużat f'akkuża kriminali verament irid iħaddem rasu: wasal il-mument illi fih huwa għandu jibda jħabbel rasu biex jipprova d-difiża tiegħu sew? Din hija l-kwistjoni kollha, kwistjoni ta' apprezzament illi jrid jagħmilha l-akkużat u ħadd ieħor għalih, ħlief sa fejn huwa awtorizzat minnu;

Issa jidher mill-proċess illi l-akkużat ma ppreżenta ebda

prova quddiem l-ewwel Qorti fir-rigward tad-*Difiża* tiegħu; naturalment għamel l-argumentazzjoni li l-abbli Difensur tiegħu deherlu li kellu jagħmel, imma provi ma nstemgħu xejn. L-akkużat la tella' xhieda u l-anqas offra x-xiehda tiegħu, u hawnhekk huwa l-artikolu l-ieħor li għalih din il-Qorti trid tagħmel riferenza peress illi jixħet xi dawl fuq dak li din il-Qorti tista' jew ma tistax tagħmel fir-rigward ta' din it-talba. L-artikolu 634 dwar ix-xhieda ta' l-akkużat, jiddisponi f'dan is-sens:

"634(1) l-imputat jew akkużat, b'talba tiegħu, jista' jixhed taħt ġurament, minnufih li l-prosekuzzjoni tagħlaq il-każ tagħha, barra minn meta jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, f'waqt ieħor tal-kawża, jew jekk il-Qorti jkun jidhrilha xierqa li tbiddel l-ordni tal-provi; u l-prosekuzzjoni tista' tagħmillu kontro-eżami, għalkemm dan il-kontro-eżami jkun jista' jġibu ħati tar-reat li għalih ikun imputat jew akkużat";

Imbagħad hemm is-sub-inċiż (3) li jiddisponi hekk:

"(3) Id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-kawżi fl-appell";

Mela jirriżulta minn dan l-artikolu illi l-akkużat jista' joffri *x-xhieda tiegħu fl-istadju opportun* u jista' jkun hemm varjazzjoni fis-sens li jixhed ukoll wara jekk jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, però dan ma jista' japplika qatt fl-appell, il-għaliex is-sub-inċiż (3) jeskludih kategorikament; id-disposizzjoni tas-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tgħoddx għall-kawżi fl-appell. Hawnhekk qegħdin fl-appell: mela l-appellant ma jistax joffri li jagħti x-xiehda tiegħu f'dan l-istadju wara li qabeż l-ewwel stadju li kellu quddiem l-ewwel Qorti u din l-offerta illi tittieħed *minn fuqu sample tad-demm tiegħu għal analiżi hija ċertament*

parti mix-xiehda tiegħu u fit-termini ta' l-artikolu 634 jidher ċar illi l-Qorti din il-ħaġa ma tistax tippermettiha f'dan l-istadju, kif, daltronde, diġà deher ċar illi ma tistax tippermetti xhieda ġodda taħt l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali;

Dawn iż-żewġ artikoli flimkien isaħħu l-mentalità ġenerali li toħroġ mill-Kodiċi illi fl-appell il-provi kemm jista' jkun m'għandhomx ikunu disturbati minn dawk li kienu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Din hija Qorti ta' appell li trid tibbaża ruħha fuq il-provi li kienu quddiem l-ewwel Qorti u mhux fuq konsiderazzjonijiet assolutament ġodda. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċidi li ma tistax f'dan l-istadju tilqa' l-offerta ta' l-appellant biex jittieħed *sample* tad-demm tiegħu għal analiżi biex jiġi determinat preċiż il-grupp tad-demm tiegħu u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu għas-27 ta' Novembru, 1989.